**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Antony Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 351/17**

**Illum, 18 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Antony Vella detentur tal-karta tal-identita` numru 200889M li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn Gunju 2013 u Awwissu 2014, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jikrsu l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37), ghad-dannu **tas-Socjeta' Cafe' Cuba Limited u/jew KCHR Limited u/jew Julian Sammut miz-Zebbug**;

2. Ghamel qligh iehor b'qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn elfejn, tlett

mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-dannu **tas-Socjeta' Cafe' Cuba Limited u/jew KCHR Limited u/jew Julian Sammut miz-Zebbug**;

3. Approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu **tas-Socjeta' Cafe' Cuba Limited u/jew KCHR Limited u/jew Julian Sammut miz-Zebbug**, u liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu nezessarju;

4. Ikkommetta serq ta' somma ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu **tas-Socjeta' Cafe' Cuba Limited u/jew KCHR Limited u/jew Julian Sammut miz-Zebbug**, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

5. Minghajr awtorizzazzjoni, immodifika *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg, liema reat sar minnu bhala impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu, u cioe' **tas-Socjeta' Cafe' Cuba Limited u/jew KCHR Limited u/jew Julian Sammut miz-Zebbug**;

6. Minghajr awtorizzazzjoni ipprevena jew ostakula d-dhul ghal xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg;

7. Minghajr awtorizzazzjoni, installa, nehha, biddel, ghamel hsara, hassar, iddeterjora, razzan, qered, varja jew zid ma' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg, liema reat sar minnu bhala impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu, u cioe' **tas-Socjeta' Cafe' Cuba Limited u/jew KCHR Limited u/jew Julian Sammut miz-Zebbug**;

8. Minghajr awtorizzazzjoni, zvela xi *password* jew kull mod iehor ta' dhul, kodici ta' dhul jew xi taghrif iehor dwar kif isir id-dhul lil xi persuna mhux awtorizzata.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet il-provi;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ammissjoni libera u nkondizzjonata tal-imputat Antony Vella fl-udjenza tal-ghoxrin (20) ta' Mejju tal-elfejn u dsatax (2019) fejn din giet ikkonfermata fl-udjenza ta' wara u cioe' tas-sebgha (7) ta' Ottubru elfejn u dsatax (2019) u dan wara li gie kkonfermat illi huwa kien hallas pjenament lill-parte civile permezz ta' nota taghhom (a fol. 205) fejn dawn kienu wkoll irrinunzjaw ghal dak li kien rinunzjabbli;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Art. 308, 310(1)(a), 309, 293, 261(c)(d), 267, 268(d), 337C(1)(a), 337F(3)(a), 337C(1)(d), 337F(3)(a), 337C(1)(g) u 337C(1)(h) tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-

imputat Antony Vella fuq ammissjoni hati tal-akkuzi kollha kif dedotti u stante li r-raba' (4) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza u stante illi l-hames (5), is-sitta (6), is-sebgha (7) u t-tmien (8) akkuzi huma mezz ghall-fini, tikkundannah ghall-multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) a rigward l-hames (5), is-sitta (6), is-sebgha (7) u t-tmien (8) akkuzi u a rigward l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum, filwaqt li tilliberah mir-raba' (4) akkuza hekk kif fuq inghad.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Antony Vella l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**